IT-TIENI KTIEB GUNJU
TAL-HMISTAX-IL SENA 1939

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GħADD

Jixraq li wieħed ikun jaf. . . (Dun Karm) — Anton Manwel Caruana (Ġ. Galea) — Il-Għanja ta' l-Imħabba (Dun Karm)— Indiema ta' żminijietna — (Ant. G. Formosa)—Vokalizzazzjoni tal-Verbi Maltin (A.C.) Etimoloġija (A.C. u A.N.) — Biblijografija.

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1939

# JIXRAQ LI WIEĦED IKUN JAF...

Jixraq li wieħed ikun jaf kif tnisslu u saru xi innijiet għeżież li jiena ktibt, u li s-Surmast Ġużeppi Caruana libbes b'mużika mill-isbaħ.

Kienet is-sena 1913, fil-bidu tagħha, meta dan Ġużeppi Caruana ġie fuqi u qalli: Professur, nixtieqek tiktibli xi erba' versi biex nagħmilhom bil-mużika għal-Kungress Ewkaristiku li ġej.

Jiena weġibt: Mela le: bil-qalb kollha. U billi dak il-Kungress kellu jkun internazzjonali, jiena ktibt bittaljan tliet strofi li, nistqarr, ma ħarġux kif kont nixtieqhom jien. Urejthom lis-Sur Caruana li, xħin qrahom, kemmex xi ftit xofftejh. Jiena fhimtu u għidtlu: Ġuż, teħodhiex bi kbira, għax lili anqas ma għoġbuni għal fejn ridthom int: imma għada nġiblek xi ħaġa aħjar. U l-għada ħadtlu dawk l-istrofi li jibdew "*T'adoriam, Ostia Divina*" u li l-lum bosta jafuhom bl-amment—l-aktar fil-qalba tagħhom fil-malti, li jien għamilt wara—b'dawk in-noti tal-għaġeb li hu u jiena qabbilna flimkien fuq il-għanja popolari maltija, fil-kuritur ta' San Ġwann.

L-innu tkanta mit-tfal ta' San Ġakbu u minn mijiet oħrajn huma u deħlin mill-Furjana għall-Belt wara t-Tqarbina li saret fil-knisja ta' San Publju u, niftakar

sewwa, Mons. Luigi Bignami, Arċisqof ta' Sirakusa, li kien qiegħed jara minn gallarija dik il-ġilwa twila bla tarf ta' tfal bil-lbies li kien jixraq għaċ-ċirkustanza, meta sama' dawk in-noti ḋonnhom ta' qniepen tal-fidda, dar fuqi — għax kont ma' ġenbu — u qalli b'għaxqa kbira! "*Così si canta in paradiso*" — hekk ikantaw fil-Ġenna.

Waslet imbagħad is-sena 1915, it-tieni sena tal-Gwerra l-Kbira, u jiena kont qiegħed ingħaddi erbat ijiem San Pawl-il-Baħar, mal-Patrijiet ta' San Franġisk: u darba, nhar ta' Ħadd, għall-ħabta tal-għaxra ta' fil-għodu, fil-waqt li kont qiegħed nitkellem ma' xi ħbieb quddiem il-Knisja, resaq fuqi Mons. F. Ferris, li dik il-ħabta kien kappillan militari, b'daqsxejn ta' ktieb f'idu u qalli: "Psaila, ġej minn Għajn-Tuffieħa, fejn qaddist għas-suldati li kull darba jgħaxxquni bil-ħlew-wa ta' l-innijiet imqaddsa li jkantaw ma' tul il-quddiesa; u tefagħli f'idejja l-ktieb li kellu f'idu, biex naqra xi wieħed jew tnejn minn dawk l-innijiet ingliżi, li kul-ħadd jaf kemm huma ħelwin, imbagħad issokta: Kieku inti tikteb xi ftit innijiet bil-malti li jkunu jistgħu jit-kantaw fil-knejjes tagħna, jew f'xi proċessjonijiet, ma taħsibx li tkun ħaġa tajba u sabiħa bosta? Ma tidħolx, Psail, għal din il-biċċa xogħol qaddisa? Alla jkun jafhulek.

Jiena weġibtu: Mons., bil-qalb kollha kont nidħol għal dan ix-xogħol; imma għidli, xi jservi li jiena nikteb l-innijiet? Min igħallimhom lit-tfal u lin-nies biex isiru ta' kulħadd? Din il-ħaġa trid tibda fl-iskejjel.

Qiegħed tgħid sewwa, qalli Mons. Ferris; u t-taħdita nqatgħet hawnhekk.

Iżda ż-żmien, li għandu l-ġwienaħ, għadda jiġri: fis-sena 1921 kellna l-Kostituzzjoni u Mons. Ferris laħaq ministru tat-Tagħlim: u għodwa waħda jiltaqa'

mieghi f'Misrah San Ġorġ, il-Belt, u kif rani għajjatli: "Psaila!" Jiena għidtlu: Naf x'sa tgħidli. — Xin hu? qalli.—Sa tgħidli għal dawk l-innijiet li semmejna San Pawl-il-Baħar.—Hekk hu, weġibni; iżda ma kontx nobsor f'mitt sena li inti żammejtha hekk tajjeb dik il-kelma tiegħi.—Kelma tajba għall-ġid, jiena nżommha dejjem, weġibt.

Ħaseb nitfa u qalli: X'nagħmlu, mela?

Għidtlu: Niktiblek innu għal filgħodu u ieħor għal filgħaxija, biex jitkantaw fl-iskejjel tal-Gvern mit-tfal kollha, il-wieħed fil-bidu u l-ieħor fit-tmiem tal-lezzjonijiet.

—Tajjeb wisq, qalli: u l-mużika min jiktibha?

—Is-Surmast Ġużeppi Caruana, dak li kiteb il-mu-żika ta' l-innu "*T'adoriam, Ostia Divina*" naħseb li jagħmlilna ħaġa ħelwa.

—Agħmilli pjaċir, mela: arah u fehmu xinhi x-xewqa tiegħi u tiegħek.

Jiena rajtu u ftehimna; u ħarġu dawk iż-żewġ in-nijiet li għaxxqu bin-noti tagħhom lil kull min sa-magħhom.

Raġa' sabni Mons. Ferris u qalli: Psaila, issa nibqgħu b'dawk it-tnejn biss?

Le, weġibtu; issa niktiblek wieħed lill-Madonna li jitkanta fix-xahar ta' Mejju.

Mons. Ferris feraħ, qawwielna qalbna, lili u lil Caruana, u ftit wara, fix-xahar ta' Mejju nsama' dak l-innu ħelu zokkra li l-lum għadu jitkanta f'ħafna knej-jes fix-xahar ta' Marija.

U raġa' sabni Mons. Ferris u bi tbissima tarrafli: Ma niktbux xi innu ieħor?

—Issa niktiblek wieħed lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, biex jitkanta fix-xahar ta' Ġunju.

Feraħ bla tarf, Mons. Ferris, u xtaqli li l-Qalb divina ta' Ġesù xxerred fuqi u fuq is-Surmast Caruana l-barka tagħha.

Tliet ġimgħat wara sar il-kunċert ta' l-innu li l-lum jafu kulħadd, u fix-xahar ta' Ġunju nsama' fl-iskejjel kollha ta' Malta b'dawk in-noti li biss qalb safja u mixgħula bl-imħabba bħalma kienet dik ta' Ġużeppi Caruana setgħet toħloq u ssawwar.

U raġa' ltaqa' miegħi Mons. Ferris u bid-daħka resaq fuqi, bejn sfiq u mistħi, qalli : Baqagħlek xi innu? Jiena weġibtu : "Issa wieħed lil San Pawl missierna, biex jitkanta fil-festi tiegħu, l-aktar fil-proċessjoni tan-Nawfraġju flok dak il-għajb li jgħidulu "briju".

Feraħ u qalli jidħak : M'hawnx għalik.

Imbagħad biex huwa n-nifsu jkollu ħjiel ċar ta' li kien sar, u biex l-innijiet jieħdu xejra aktar sħiħa u qawwija, ried li jsir kunċert tagħhom fl-iskola ta' Sant Jiermu, u b'daqsxejn ta' orkestra u xi ħames mitt leħen magħżula mill-iskejjel tal-Belt, tal-Furjana u tal-Kottoniera, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Caruana, saru l-erba' innijiet, u jiena rajt id-dmugħ nieżel ma' ħaddejn Mons. Ferris, u l-ittra ta' ħajr li bagħatli, għadha merfugħa għandi ma' ittri oħra li wasluli mingħand nies ta' ħsieb imwieżen u ta' qalb safja.

Iżda mbagħad ġew żmenijiet oħra, Mons. Ferris telaq minn Ministru u l-innu lil San Pawl baqa' bla miktub u għaldaqshekk anqas ma saret il-mużika tiegħu; u ftit ftit l-innijiet l-oħra li kienu daħlu sewwa u kienu jgħaxxqu mhux biss lit-tfal ta' l-iskejjel iżda lin-nies ukoll li kienu jisimgħuhom minn barra, intfew huma wkoll, bla ma ħadd jaf il-għaliex.

Issa rġajna fi żmenijiet oħra : tgħid kieku wieħed iħeġġeġ daqsxejn lill-kapijiet ta' l-iskejjel nistgħu nittamaw li nerġgħu nisimgħuhom ?

DUN KARM

# ANTON MANWEL CARUANA*

## ŻMIENU U KITBITU.

Mitt sena ilu kien żmien ħażin wisq għall-ilsien għażiż tagħna; il-Malti kien imwarrab, kien immaqdar, kien imżeblaħ. Kull min tgħallem xi ħaġa, biex jagħmel isem jew biex juri għerfu, kien dlonk jikteb jew jitkellem b'ilsien barrani. Ħafna mill-għorrief tagħna kellhom moħħhom mimli bil-ġmiel ta' l-ilsna barranin u kull ma jaħsbu, kull ma jiktbu kienu jtuh bixra barranija; oħrajn kienu jitqansħu biex jiktbu bi kliem barrani għax mingħalihom bil-Malti ma tistax tikteb sewwa u tajjeb. Il-Malti, għal ħafna nies bla dehen, kien qisu għajb; oħrajn kont taràhom igħawġu ħalqhom biex jitkellmuh u jagħmlu ta' bir-ruħhom ma jifhmuhx, u kien hemm saħansitra nies bla wiċċ li ma kinux jistħu jiċħdu l-ilsien ta' art twelidhom.

Dak iż-żmien ftit, biex ma ngħidux xejn, kien hawn kotba u xogħlijiet tajba bil-Malti; imma mhux fil-kitba biss kien miċħud il-Malti : fis-swali taż-żfin, fil-laqgħat tal-għonja, fi djar it-tagħlim, fil-Qrati u fil-Kunsill, il-kelma barranija kienet issaltan.

Mikiel Anton Vassalli kien tħabat u bata għall-Malti, kien kiteb u għallem fuq il-Malti, kien qala' fuq wiċċu u ftaqar minħabba l-Malti, u l-ħidma tiegħu kienet donnha ma swiet xejn.

Imma l-lum wara mitt sena, l-ilsien tagħna qam rebbieħ u miqjum, ġie f'tiegħu u tqiegħed f'imkien ta' għożża u ġieħ kif tassew jistħoqqlu.

Aħna rajna l-Malti mgħallem fl-iskejjel, smajnieh mitkellem fil-Parlament, daħħalnieh fil-Qrati tagħna, u qegħednieh fuq Kattedra fl-Università.

Il-lum għandna bil-Malti xogħlijiet li joqogħdu fil-wisa' ma' ġenb l-aqwa xogħlijiet barranin u nistgħu naqraw b'ilsienna kotba ta' ġmiel li jsaħħar u ta' fejda kbira.

---

* Taħdita li nqrat mit-Tabib Ġ. Galea lill-Imseħbin tax-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti".

Il-lum irbaħna! Irbaħna u nistgħu b'wiċċna minn quddiem inkantaw il-għanja tar-rebħa:

Kif ħarġet l-għajta minn elf qalb maltija
li tqabdu għall-ħelsien, għall-ħaqq, għas-sewwa,
l-għajta tar-rebħa dak in-nhar li dehru
sejrin telliefa w imħarbtin l-egħdewwa;

daqshekk qawwija l-lum toħroġ il-għajta
ta' min iħobb l-Ilsien li trabba magħna,
għax aħna rbaħna, qridna l-għajb ta' ġensna,
w għamilna lsien dil-gżira l-ilsien tagħna.

(Ġ. Chetcuti)

Imma wara li nifirħu għax irbaħna, ma ninsewx inqiegħdu werqa tar-rand u warda ta' fwieħa fuq il-qabar ta' Anton Manwel Caruana, għax hu tħabat u ħadem u ħabrek bil-ħrara ta' qalbu kollha u bil-għerf ta' dehnu kollu biex il-Malti jasal fejn wasal il-lum.

Anton Manwel Caruana kien wieħed minn dawk l-irġiel li s-sema jibgħat fuq din l-art biex iseddqu xi ħidma ta' ħtieġa kbira; ħafna nies jitwieldu, igħixu u jmutu bla ma jagħmlu xejn li jibqa' jissemma; ħajjithom tgħaddi bħal kewkba feġġa li ddawwal għal ħin wieħed il-beraħ tas-sema u malajr tinbala' fid-dalma tas-skiet u tan-nisi. Imma hawn nies oħrajn, u dawn huma ftit wisq, li għamilhom u ħsiebhom iqajmu xrara li tibqa' ħajja, biex iddawwal l imħuħ u tħeġġeġ il-qlub; wieħed minn dawn kien Caruana li bil-kitba tiegħu qajjem ħrara ta' mħabba fi qlub ulied Malta, ħrara li ma tmut qatt, għax imnissla mis-sewwa u mill-ġieħ.

* * *

Anton Manwel Caruana twieled il-Belt fit-22 ta' April 1838; hu kien wieħed mill-ewwel tfal li tgħallem fl-iskola ta' Santu Wistin u s-surmast tiegħu kien Patri Gejt Pace Forno li mbagħad laħaq Isqof ta' Malta. F'dik l-iskola u minn dak l-imgħallem, Caruana xorob l-ewwel għerf, tħarreġ fl-irġulija, nissel fih fehma tajba u kiseb rieda qawwija li wara swewlu mhux ftit fil-ħidma li qabad għall-ġieħ ta' l-Ilsien Malti.

Fl-iskola ta' Santu Wistin Caruana qala' tifħir u premjijiet, għax milli jidher, sa minn ċkunitu, hu kien iħawtel biex jagħmel kollox bil-ħsieb u bil-għaqal, kif baqa' jagħmel ukoll

wara li sar raġel bħalma juru x-xogħlijiet tiegħu, xogħlijiet ta' ħsieb, ta' reqqa u ta' għaqal, xogħlijiet li għadhom u jdumu jingħoġbu għat-tagħlim u għall-għerf li fihom.

Wara l-iskola ta' Santu Wistin, Anton Caruana mar l-Università fejn tgħallem għal Spiżjar, u għamel xi żmien fl-Ispeżerija li ħuh, it-Tabib Andrè Pullicino, kellu taħt il-loġoġ tal-Belt; iżda milli jidher hu ma ħassx ġibda għat-taħlit tad-duwa; kellu ħerqa kbira għat-tagħlim u ried jagħmilha man-nies u jara d-dinja. F'żgħużitu Caruana inxteħet għan-negozju, siefer u baħħar; mar it-Turkija, għamel żjara f'Kustantinopli u baqa' sejjer sar-Russja fejn wasal fl-1860, erba' snin wara l-gwerra tal-Krimea; fir-Russja sab kummerċ kbir, għax dik il-ħabta kienu bdew jinfetħu s-swieq kbar tal-qmuħ ta' Odessa li xebbgħu 'l Ewropa kollha.

B'hekk Caruana tgħallem bosta ilsna u dara jitkellem sa bir-Russu, kellu x'jaqsam ma' ħafna nies, ġarrab id-dinja u tgħallem drawwiet ta' bosta ġnus. Dan kollu swielu biex fetaħlu moħħu, u fil-kitba tiegħu nsibu l-għerf li l-kittieb ma ħasselx mill-kotba biss u fih naraw il-bixra ta' wieħed li jaf xi trodd id-dinja.

Fis-safar tiegħu, u minħabba l-istudju li wara għamel ta' l-ilsna semitiċi, Caruana sar jaf nies ta' bosta fehmiet, u bla ma ddakkar minnhom, jidher li hu żamm f'moħħu dak li kienu jaħsbu huma. Caruana rafa' min-negozju meta kien għadu fl-aħjar tiegħu, iżda ma telaqx lil ħafna ħbieb barranin li kellu u baqa' għomru kollu jiktbilhom u jqis għerfu magħhom; hekk insibuh jikteb lil Ernestu Renan, President ta' l-Akkademja ta' l-Iskrizzjoni ta' Pariġi, u lil għorrief oħrajn ta' żmienu. Lill-Professur Clement von Stolberg ta' Berne fl-ittra li kitiblu, fis-17 ta' April 1886 fuq il-Fonetku Malti, qallu: *La coltura del linguaggio nativo in queste isole non ha mai ricevuto incorraggiamento da parte delle classi colte e facoltose della popolazione;* erba' kelmiet li jiswew mitqilhom deheb għax ifissru ċar x'kienet il-ħtija li l-Ilsien Malti baqa' lura dak iż-żmien.

Caruana kien iħoss qalbu tingħasar meta kien jaħseb u jara fiex kienet il-kelma Maltija; hu kien għaraf il-ħtieġa li l-Ilsien Malti jkollu letteratura tiegħu biex il-poplu jkun jista' jaqra kotba tajba li jgħallmuh u jiftħulu moħħu, imma biex isir dan kienet tinħtieġ ħidma kbira, ħidma ta' sabar, ta' għaqal u ta' għerf, kien jeħtieġ li jibdew mis-sisien,

jiġifieri mill-alfabet, biex fuqu jinbnew ix-xogħlijiet il-kbar li kellhom ikunu bħala swar li jixhdu s-saħħa u l-qawwa ta' l-ilsien tagħna. *"Scopo mio fu sempre quello di vedere perfezionato l'alfabeto"* kien kiteb Caruana lil wieħed ħabib tiegħu minn Tunes fl-4 ta' Diċembru 1886, għax Caruana kien laħaq fehem li l-ewwel ħtieġa, biex il-Malti jarfa' rasu, kienet li jissawwar alfabett waħdieni, mibni bis-sengħa fuq reguli tal-għaqal. In-nuqqas ta' alfabett u grammatka sewwa kienu minn dejjem l-aqwa ħtija li ġiebet taħwid fil-kitba bil-Malti u żammet lura l-letteratura tagħna, u biex jagħmlu alfabett tajjeb u joħorġu tagħlim tal-kitba Maltija ħadmu bla heda Vella, Panzavecchia, Falzun, Tagliaferro, Bellanti, Vassallo, Preca, Kelment Mifsud Bonnici u magħhom Anton Manwel Caruana; huma ħadmu bil-għerf ta' moħħhom u bil-ħrara ta' qalbhom u mhux minnhom naqas jekk l-alfabett Malti baqa' mwiegħer sa l-1924, meta l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħarġet l-alfabett tagħha li l-lum sar l-alfabett tal-Gvern u tħaddan mill-aqwa kittieba.

Caruana kien bniedem għani, għaref u miqjum minnies; kien magħmul raġel ġwejjed, xipli, dħuli u ferrieħi, ma kienx iħalli l-buli jagħmel bih u waqt il-kliem ma' ħbiebu kien iħobb iżellaq xi ħlieqa.

* * *

Ħabta ta' l-1880 Preca, Bellanti, Cachia, Ferris u xi kittieba oħra għaqqdu x-XIRKA XEMIJA tal-Malti. Dik ix-Xirka, bħall-GĦAQDA TAL-KITTIEBA ta' żmienna, tat xi jgħidu lil ħafna nies. Caruana ma daħalx fix-Xirka Xemija, imma ssieħeb ma' oħrajn, bħal Dr. Giovanni Gulia, u kiteb kontra tagħha u ħaqqaqha mal-President tax-Xirka, Annibale Preca; dan aktarx għamlu biex ma jiksirhiex ma' xi nies tal-pulitka li kien imil lejn il-Partit tagħhom, għax fil-polemika li qabad ma' Preca fuq ix-Xirka, il-kitba ta' Caruana tidher imqansħa u bla ħeġġa.

Imma għalkemm fil-gazzetti ħadha kontra x-XIRKA XEMIJA, fir-rumanz tiegħu INES FARRUĠ, Caruana wettaq dak kollu li għalih kienet inħolqot dik ix-Xirka. Għan ewlieni tax-Xirka kien li jogħla u jikber l-Ilsien Malti u INES FARRUĠ kien wieħed mill-aqwa kotba li l-aktar għollew u għamlu ġieħ lill-ilsien tagħna.

Caruana ma kitebx dan ir-rumanz tiegħu ħorrox bor-

rox; milli jidher dam jaħdem fih żmien twil għax fih xi bċejjeċ li jġagħluk taħseb li ma ħarġux bil-ħeffa minn idejn il-kittieb.

Caruana dik il-ħabta kellu moħħu mimli bl-idejiet ta' xi nies pulitiċi li kienu jħaqquha kontra l-Gvern u aktarx fil-ktieb tiegħu, biex jixxiebah lil Ramiro Barbaro fil-MARTIRE, ried juri kemm minn dejjem il-Maltin batew taħt il-ħakma barranija. Imma kien x'kien il-ħsieb ta' l-awtur, INES FARRUĠ ħareġ ktieb ta' reqqa, ta' siwi, ta' ġmiel u ta' sura li jista' joqgħod bil-gieħ kollu ma' ġenb l-aqwa rumanzi barranin; fih bċejjeċ li jmissulek qalbek bil-ħlewwa tagħhom, oħrajn juruk in-nies u d-drawwiet ta' dak iż-żmien qishom f'mera, daqqa tistħajlek qiegħed tisma' l-persunaġġi tal-ktieb jitkellmu bejniethom, daqqa tħossok taqralhom il-ħsieb ta' moħħhom u tagħraf it-tqanqiliet ta' qalbhom, daqqa qisek tinġibed lejn għamilhom; il-ktieb ma jagħjiex, iżda jhenni, igħallem, jiftaħ il-moħħ u jinqara b'dehwa kbira.

Ħabta ta' l-1889, meta ħareġ għall-ewwel darba INES FARRUĠ, kienet waqgħet bħal raxxa mdiehba ta' letteratura Maltija. Ġużè Muscat-Azzopardi kien beda d-damma ta' rumanzi bil-Malti li għollew mhux ftit il-letteratura tagħna. Ant.Muscat Fenech, Annibale Preca, u Ġanni Vassallo kienu ħarġu xogħlijiet li baqgħu bħal kwiekeb jilmaw fis-sema letterarju tagħna, imma INES FARRUĠ sebaq il-kotba kollha li ħarġu dak iż-żmien u rifed l-Ilsien Malti biex ma jaqa' qatt bħala lsien letterarju.

Ġużè Muscat-Azzopardi n-nifsu fil-ġurnal "Il Cottonera" tat-22 ta' Diċembru 1894 stqarr li Caruana b'dak il-ktieb "infired għalih" u "għola wisq" mill-kittieba ta' żmienu; u l-ġurnal "Il-Ħabib tal-Poplu" tat-2 ta' Ġunju 1891, meta semma' 'l INES FARRUĠ qal li "Caruana għaraf b'dik il-biċċa xogħol sabiħa jagħti tweġiba lil dawk l-uħud li ma jafux ħlief ilabalbu li l-Ilsien Malti ma jistax jinkiteb ħlief b'aktar minn nofsu Taljan jew la Għarbija."

INES FARRUĠ ħareġ l-ewwel darba fl-1891 mill-Istamperija ta' Carmelu Busuttil ta' Trieq l-Ifran, 133, stamperija li minnha ħarġu kotba oħra Maltin li baqgħu jissemmew. Malli deher INES FARRUĠ, kien milqugħ bil-foħrija u nħataf mill-qarrejja; ir-rumanz baqa' jinqara u jingħoġob minn kulħadd, u fl-1912 ħarġet it-tieni edizzjoni tiegħu

mill-Istamperija tad-Dar ta' San Ġużepp. Dawn iż-żewġ edizzjonijiet il-lum intemmu u biex issib kopja minnhom trid tagħmel wegħda. Fl-1900 ir-rumanz ta' Caruana nqaleb bit-Taljan u beda jidher fuq il-ġurnal l-"Araldo" u fl-1919-1920 raġa' ħareġ biċċa biċċa fuq l-"Unjoni Maltija" ġurnal ta' kull ġimgħa.

* * *

Wara INES FARRUĠ Caruana nxteħet għal xogħol ieħor, xogħol ta' stħarriġ fuq l-Ilsien Malti, xogħol ta' reqqa u ta' għerf kbir, li Caruana ndaħal għalih bil-ħerqa kollha.

Caruana ma kienx wieħed minn dawk li jibilgħu kull ma qalu nies oħrajn, jew minn dawk li biex iħaffu x-xogħol jikkupjaw il-ħidma ta' ħaddieħor; hu kien irid jinżel fl-egħruq u jikxef ix-xniexel u ta' dawn għandna l-aqwa turija fil-ktieb tiegħu "Sull'Origne della Lingua Maltese" opra li, kif qal il-Professur Randon, tat xejra ġdida u qawwija għall-istudju filoloġiku: "*Quale nuovo impulso diedero agli studi storici e filologici le potenti gagliarde ed erudite monografie dell'illustre A. E. Caruana?*" (Gazzetta "Malta", 14 Aprile 1903).

F'dan ix-xogħol tiegħu Caruana wiżen kull ma kittieba oħra kienu qalu fuq l-Ilsien Malti; hu kien ta' fehma li l-Ilsien Malti mexa u għadda 'l quddiem man-nisel Malti, ħass mill-ġrajjiet ta' dawn il-Gżejjer u ddakkar mill-ilsna ta' ġnus oħra li kellhom x'jaqsmu magħna; għalhekk biex nagħarfu sewwa n-nisel ta' l-Ilsien Malti, jeħtieġ li ngħarblu sewwa l-ġrajja ta' Malta u n-nies li ħakmu jew għexu hawn u naraw sewwa x'kellhom x'jaqsmu bejniethom, kif il-bixra ta' wieħed ħadet minn ta' l-ieħor, u kif ix-xeħta ta' xi wħud ġibdet minn dik ta' oħrajn.

F'dan il-ktieb Caruana meta ġie biex jitkellem fuq in-nies li ħakmu Malta, biex juri kif l-Ilsien Malti ddakkar minnhom, qal li l-Griegi qatt ma saltnu fuq din il-Gżira. Kien hawn biss l-*Elleniżmu* iżda qatt is-saltna tal-Griegi. Billi l-Istejjer ta' Malta dejjem żammew li din il-Gżira kienet għal xi żmien taħt il-Griegi, din il-fehma ġdida ta' Caruana qajmet għajdut kbir u Dr. Annettu Caruana, Arkeologu msemmi, u Direttur tat-Tagħlim, ħaqqaq u kiteb ħafna kontra l-fehma ta' Anton Manwel Caruana. Dr. Annettu Caruana milli jidher kiteb aħrax ħafna, iżda Ninu Caruana wieġeb bla tbaqbiq imma

bil-għaqal, hekk li l-"Malta" tas-6 ta' Ġunju 1900 qalet li Anton Manwel Caruana wieġeb *"semplicemente come uno scienziato, senza pretenzioni, la cui modestia è uguagliata solo dalla scienza"*.

Caruana beda x-xogħol tiegħu "Sull'Origine della Lingua Maltese" ħafna snin qabel ma ġabru fi ktieb għalih; hu dam żmien twil igħarbel xogħlijiet oħrajn, jistħarreġ fehmiet ta' għorrief Maltin u barranin, jistudja, jaħseb, italla' u jniżżel, u fuq kollox ħtieġlu jitgħallem l-ilsna semitiċi. Imbagħad fl-1894-1895 Caruana ħareġ ix-xogħol tiegħu biċċa biċċa fuq il-gazzetta "Il Portafoglio Maltese".

Malli ħareġ dak ix-xogħol ingħoġob minn kulħadd, u ħafna ħbieb ħajru lil Caruana biex jiġbru fi ktieb wieħed. Ta' min isemmi li ħafna minn dawk li l-aktar faħħru x-xogħol ta' Caruana, kienu nies tal-partit ta' Fortunat Mizzi, għax milli jidher Caruana kien jaqbel magħhom fil-pulitka. L-Editur tal-"Malta" fil-ħarġa tad-9 ta' Ġunju 1897 wara li faħħar ix-xogħol ta' Caruana, qal: *"Quest'opera ha suscitato l'ammirazione e la simpatia degli stranieri, specialmente dei tedeschi"* u spiċċa b'dawn il-kelmiet: *"L'opera del Caruana lo immortalerà"*.

Caruana raġa' fela u roqom ix-xogħol tiegħu "Sull'Origine della Lingua Maltese", imbagħad fl-1895 beda joħorġu f'taqsimiet mill-Istamperija ta' Busuttil u fl-aħħar ġabru fi ktieb wieħed fl-1906. Ma' l-ewwel taqsima li dehret Caruana qala' tifħir kbir. "Sull'Origine della Lingua Maltese" issemmiet mill-gazzetti kollha ta' Malta u minn ħafna ta' barra wkoll; l-opra dehret li ngħoġbot u qalgħet foħrija kbira. "Most learned work" qalet il-"Public Opinion" tat-12 ta Ġunju 1897; "Work of intense interest" kitbet il-"Malta Chronicle" tal-25 ta' Mejju, 1898; "Inestimabile opera" qal il-"Risorgimento" tal-14 ta' Ġunju 1897; "opera classica" semmietha "La Voce del Popolo" tal-11 ta' Ġunju 1897; filwaqt li "Il Corriere di Catania" tal-15 ta' Mejju 1896 tkellem dwar "Sull'Origine della Lingua Maltese" bħala "importantissima ed erudita opera". Ukoll "Il Patriota", il-"Malta", "La Giovane Melita" l-Araldo", il-"Melita" semmew fil-ġid u faħħru wisq il-ktieb ta' Caruana.

L-aħħar xogħol ta' Caruana kien vokabolarju ta' l-Ilsien Malti, mitbugħ għand Ġanni Muscat u maħruġ fl-1903. L-awtur indaħal għal dan ix-xogħol wara s-suċċess li kien

għamel bir-rumanz tiegħu, u bil-ktieb l-ieħor fuq in-nisel ta' l-Ilsien Malti, u wara li ħafna ħbieb urewh il-ħtieġa ta' dizzjunarju miktub għal idejn kulħadd. Il-ħtieġa u s-siwi ta' dan il-vokabolarju ġew magħrufin ukoll mill-Gvern ta' dak iż-żmien li ħareġ £ 60 biex Caruana jkun jista' jġib minn barra tipi semitiċi ħalli l-vokabolarju jirnexxi tajjeb kemm jista' jkun; dan is-sussidju huwa xhieda ta' kemm il-Gvern kien jafħulu lil Caruana x-xogħol tiegħu għall-ġieħ ta' l-Ilsien Malti.

Il-vokabolarju ta' Caruana, ma' dak ta' Vassalli u l-ieħor ta' Falzun, huma t-tliet sisien li fuqhom hi mibnija l-letteratura Maltija tal-lum; id-dizzjunarju ta' Caruana hu ta' fejda kbira għal kull min irid jitgħallem jew jikteb bil-Malti, mhux mgħabbar b'ħafna karattri tqal u li jħawwdu l-moħħ, bħalma hu d-dizzjunarju ta' Vassalli, u jidħol aktar fil-għerq tal-kelma minn dak ta' Falzun; hu d-dizzjunarju li jifhmu kulħadd u li jiswa għal kulħadd.

Il-vokabolarju jibda bi grammatka ta' l-Ilsien Malti, miktuba bla tlellix u magħmula li jista' jifhimha kulħadd; fiha tifsir ta' reqqa u ta' għaqal fuq il-kitba Maltija u tiswa wisq biex wieħed jitgħallem sewwa l-ilsien tagħna; din il-grammatka tista' toqgħod fi ktieb għaliha weħedha.

Għal dax-xogħol Caruana qala' l-"prosit" mill-gazzetta "La Giovane Malta" tal-31 ta' Awissu 1895 u mill-ġurnal "Il Patriota" tat-18 ta' Marzu 1905 fejn S. Frendo de Mannarino, kittieb tajjeb, qal: "Noi ed i posteri saremo debitori al nostro esimio filologo di un bene imprezzabile." U wkoll is-sena li għaddiet, 1938, ir-Rev. Dr. Charles L. Dessoulavy fil-ktieb tiegħu "Maltese Arabic Word-List" semma fil-ġieħ id-dizzjunarju ta' Caruana.

* * *

Rumanz, ktieb ta' stħarriġ fuq in-nisel tal-Malti u dizzjunarju: dawn huma t-tliet xogħlijiet li jerfgħu bħal fuq trepid isem Anton Manwel Caruana, u jgħolluh għall-qima tal-qlub imsaħħrin wara l-ġmiel ta' l-ilsien Malti.

Jekk inħarsu lejn il-għadd, il-kotba ta' Caruana huma ftit, iżda jekk inqisu s-siwi tagħhom insibu li dawk it-tliet kotba għamlu ġid bla tarf lill-ilsien tagħna, ġid li ma jitqiesx bit-tul iżda bil-għerf li hemm maħżun f'dak ix-xogħol. Fit-

tliet xogħlijiet tiegħu Caruana ħaddan l-ilsien Malti mill-bidu sat-tmiem, hekk hu niżel ifittex fl-egħruq ta' l-ilsien Malti, kixef l-irfid ta' lsienna, wera l-friegħi tiegħu, sensel il-weraq, u fetaħ warda ta' ġmiel u ta' fwieħa li ma tmut qatt, għax INES FARRUĠ, bħal ward ieħor tal-letteratura Maltija, jibqa' jsaħħar, issa u dejjem, il-qlub tal-Maltin li tassew iħobbu 'l din il-Gżira.

Caruana għadda l-aħħar żmien ta' ħajtu bla taħbit, fil-ġabra tad-dar u fil-għożża ta' martu,—kien iżżewweġ fl-1883 ma' Konċitta Fabri, bint in-Nutar Mabbli Fabri ta' Bormla, imma qatt ma kellu tfal,—kien iħobb jixxiegħel fil-pulitka iżda qatt ma ntafa' għaliha bħal ma għamel ħuh mill-omm it-Tabib André Pullicino; kien iħobb igħaddi xi erbat ijiem f'dar li kellu f'Baħar iċ-Ċagħak u baqa' sa l-aħħar jaħdem u jikteb, hekk qabel ma miet kien medhi jistħarreġ fuq in-nisel tagħna l-Maltin għax kellu ħsieb joħroġ ktieb ieħor imsemmi "Fenici e Maltesi"; għad baqa' xi ftit kapitli milli hu kien laħaq hejja għal dak il-ktieb, kapitli li juru x'qawwa ta' għerf kien ikun hemm maħżun f'dak il-ktieb li kieku laħaq ħareġ.

Caruana kellu x-xorti li jikseb f'ħajtu l-ġieħ u l-foħrija li kienu jistħoqqulu għax-xogħol tiegħu. In-nies kienu jgħożżuh u l-gazzetti dlonk ifaħħruh, ismu kien jissemma bil-qima f'Malta u barra, ix-xbieha tiegħu dehret fuq il-"Guida di Malta" ta' Muscat ta' l-1905, u fl-"Almanacco Italiano" ta' Ruma ta' l-1903, u dan l-aħħar fil-"Berqa" tad-9 ta' Novembru 1937, il-kelma ta' Caruana ssemmiet bħala kelma għaqlija f'kotba u f'rivisti; mijiet ta' artikli nkitbu fuqu fl-aqwa ġurnali u gazzetti.

Anton Manwel Caruana għalaq għajnejh fost il-barka u l-foħrija fl-24 ta' Settembru 1907, f'Tas-Sliema, fid-dar Nru. 163 Trieq Prince of Wales, dar li jmissha jkollha rħama biex tfakkar dak il-bniedem li sewa wisq biex jisseddaq l-Ilsien għażiż tagħna.

Ġ. GALEA

Niżżiħajr bil-qalb lis-Sur Nin Cremona u lis-Sur Ġużè Gatt, żewġ kittieba magħrufin u ħbieb tiegħi, għall-għajnuna li tawni biex ġbart dan li ktibt fuq A. M. Caruana.

# IL-GĦANJA TA' L-IMĦABBA

Il-ħlejjaq kollha jgħannu din il-għanja
li twieldet mal-ħolqien:
kollha semgħuha ż-żmenijiet, u għadha
tinsama' kullimkien.

Il-kwiekeb igħannuha f'żifna kbira
fil-beraħ tas-smewwiet
fejn jiġru maħrubin bla qatt ma jiksru
ir-ritmu tax-xejriet.

Igħannuha l-agħsafar kull fejn bejta
titbandal qalb il-weraq
ta' siġar ħodor, jew ġo ħarq titkennen
li ż-żmien ġo l-iġbla feraq.

U jiena smajtu din il-għanja jħaxwex
il-baħar max-xtut tiegħu,
u rajt lill-Art, din l-Omm li tatna l-ħajja,
ħienja titgħannaq miegħu,

fil-waqt li mal-widien u ġewwa l-ġonna
bi lwienu l-ward isellem
lil kull maħluq, u mal-fewġiet għaddejja
jitbewwes u jitkellem.

Il-Bniedem biss li jaf xin hi l-IMĦABBA
l-Imħabba ma ħabbhiex;
qalbu kesħet fis-silġ ta' l-JIEN imkabbar
u l-GĦANJA m'għannihiex.

26 - III - 39.

DUN KARM.

# INDIEMA TA' ŻMINIJIETNA*

F'belt żgħira ta' l-Ewropa tan-Nofs kienu jgħixu nies hienja u ħaddiema, moħħhom dejjem fix-xogħol u l-hena ta' darhom. Fosthom kien hemm familja li kienet aktarx miqjuma aktar mill-oħrajn għat-tjieba ta' qalbhom, għall-għajnuna li ta' sikwit urew lejn il-fqir u għall-ħars ta' dinhom.

Ġorġ, żewġ Marija u missier żewġ tewmin, Sandru u Franz, kien surmast fl-aħjar skola ta' dik il-belt. Xewqtu kienet li dejjem jara 'l uliedu mrobbija b'għamil is-sewwa, filbiża' ta' Alla u fl-imħabba lejn arthom.

Ħafna kienu dawk li tgħallmu minnu u li l-lum jaqilgħu ħobżhom b'ġieħu, waqt li oħrajn waslu b'ħiltu, jieħdu f'idejhom ir-riedni tal-ħakma ta' pajjiżhom.

Sandru u Franz kienu għadhom żgħar u għalhekk moħħ Ġorġ kien lejl u nhar ihewden dwar żgħorithom:—

"Żerriegħa tajba fuq blata ma tistax taqbad art u tagħti frott bnin" kien ta' sikwit jaħseb; "bini għoli ma jistax ikun qawwi jekk is-sisien huma dgħajfa u jekk l-ewwel ġebliet m'humiex sfiqa. Jien il-lum hawn u għada miniex; jekk niġi nieqes meta wliedi jkunu għadhom torja imma jkun ġa rnexxieli nwaqqaf fihom l-ewwel ġebliet żonqrin, xewqti tkun maqtugħa għax fuqhom huma n-nifshom ikunu jistgħu qajla qajla jkomplu l-bini ta' ħajjithom, minni mibdi."

Wara x-xogħol ta' kull jum, xogħol li jdejjaq u jgħajji l-moħħ, kien kollu ferħan jiġri lejn daru biex jitgħaxxaq b'martu u b'uliedu. Malli jidħol jaqla' l-ġlekk minn fuq dahru u fis isejjaħ lil martu u jpespes 'l uliedu.

—It-tfal fejnhom, Marì, (f'qalbu kienet tħeġġeġ l-imħabba lejhom)--u Marì bi ħlewwa liema bħalha u bi tbissima fuq xofftejha trodd għalih.

—Qegħdin fuq jistudjaw; minn xħin ġew mill-iskola għadhom ma refgħux għajnejhom minn fuq il-kotba.—Sandru għadu kemm tarrafli jrid isir surmast bħalek, u jien tabib kompla Franz.

* Din in-Novella ta' A. G. Formosa ħadet it-tieni premju fil-Konkors imniedi s-sena l-oħra mix-"Xirka Tixrid Qari Malti" ta' l-Eġittu.

—Eh! Jien ġa għedtlek—għajnejh miblula bi dmugħ ta' ferħ—li t-tfal għad jirnexxu ....... mur arana, Marì, minn hawn u tletin sena oħra meta ż-żmien ikemmxilna wiċċna u wliedna jkunu saru rġiel, kemm sejrin nittajru bi ħsiebna fuq dak li għaddej għalina l-lum!

Marì b'taptipa fuq spallet Ġorġ:—

—Iva, qaltlu, imma min jaf ikollix ix-xorti nara 'l uliedi kbar, miżżewġin, ferħana f'darhom, imdawrin b'ulied li jkunu jħobbu 'l ommhom u 'l missierhom bħal ma tagħna jweġġħu lilna.

—La taqtax qalbek, Marì, għax min jiżra' qamħ, qamħ jiġma'—u b'dawn il-kelmiet tafa' idu fuq spallet martu u t-tnejn qagħdu jteftfu xi ħaġa ta' l-ikel u ma' tul l-ikla, taħdita waħda dwar il-familja.

It-tfal intebħu b'missierhom u minnufih taru fi ħdanu. Sandru minn naħa u Franz mill-oħra ksewh bil-bews.

—Għiduli issa wieħed wieħed x'tgħallimtu l-lum, ibda int, Sandru.

Sandru xtaq kieku juri għerfu, beda jtarraf l-istorja ta' Kristofru Kolombu imma f'nofsha għajnejh, kif ukoll dawk ta' ħuh, bdew jaqgħu bin-ngħas u Ġorġ bi tbissima u tgħanniqa ħadhom f'kamrithom biex iraqqadhom.

It-tnejn fl-art għarkobbtejhom għamlu t-talba ta' fil-għaxija, talbu mbagħad il-barka ta' ommhom u ta' missierhom u bħal ċomba raqdu.

Fil-ħemda tal-għaxija, waħdu ma' martu, Ġorġ qabbad sigarru u pass pass resaq lejn tieqa miftuħa, baxxa, minkbejh fuq il-ħoġor, jitpaxxa biż-żiffa ta' lejl sajfi. Marì marret ma' ġenbu imma Ġorg baqa' sieket ipejjep.

—Għaliex inti ħosbien, Ġorġ?

—Xejn xejn—wieġeb Ġorġ, fil-waqt li bi tnehida twila ħares ħarsa lejn is-sema.

—Xi ġmiel u kobor ta' sema!—reġgħet tarrfitlu Marì, b'għan li teħodlu xi kelma minn fommu.

Ġorġ hawn ħass li kellu jistqarr x'kien qiegħed jagħfaslu qalbu.

—Iva, weġibha, u f'kull ħin inħoss kemm għandi niżżi ħajr lil Dak li ħalaq kull ma qiegħda tara talli għoġbu jipprovdilna l-għajxien, iżewwaq il-familja tagħna b'ulied eżemplari

u bla qerq. Jien, qalilha—bħala surmast ingħaddi ħajti kollha mat-tfal u f'daqqa ta' għajn nista' nara kemm hemm imħassrin fosthom. Imsejkna missirijiet li min jaf x'sakrifiċċji qegħdin jagħmlu biex ikabbru 'l uliedhom! kemm iljieli jgħaddu mingħajr ngħas, jaħsbu l-ħin kollu kif sejrin jagħmlu biex iħallsu l-miżata ta' l-iskola, il-kera u kif irejqu lil ta' madwarhom u jsibu flus għal infiq ieħor li fid-dar ma jonqos qatt!

"Ġerardu, qaribna, għadu kemm qalli bid-dmugħ f'għajnejh, x'qiegħed ibati għal ibnu. Ix-xogħol naqas, flus ma baqagħlux anqas biex jitrejjaq, kull ma kellu f'daru ftit ftit qiegħed jisfa fix-xejn u min-naħa l-oħra ibnu, sfrattat, ma jridx jaf bi studju, taħbit biss. Li kieku ma kellix il-biża' t'Alla, Ġerardu kompla, kont intajjar rasi darba għal dejjem. Imma Ġerardu raġel tajjeb, Marì.

—Naf, naf—wiġbitu, u bla kliem u bla sliem, bi dmugħ ta' niket fuq ħaddejha, warrbet bil-kelmiet "miskin Ġerardu, miskin Ġerardu", marret ġewwa, ġabret l-ikel li kien fadal, sarritu baxx baxx u:—

—Jiena ġejja malajr—qalet lil Ġorġ, u dlonk marret tħabbat bieb Ġerardu.

Ġorġ fehem ħsiebha u ma satax ma jqimx it-tjubija u l-ħniena tagħha. "Kieku n-nies tad-dinja kellhom kollha qalb safja bħalha, ħaseb bejnu u bejn ruħu, "kemm niket kien isir faraġ!"

Snin għaddew u Ġorġ qatt ma naqas minn dmiru fit-trobbija ta' wliedu u f'għamilu; ħsieb wieħed kien dejjem iberrinlu rasu, dak li fi xjuħitu jkun jista' jgħid:—

"Alla l-imbierek tani biċċa art u jien ħdimtha mill-aħjar li stajt."

Ftit ġimgħat oħra Franz jagħti l-aħħar eżami biex jieħu l-lawrja ta' tabib, professjoni li minn ċkunitu dejjem xtaq ikollu, u Sandru baqa' miexi tajjeb ukoll imma mingħajr ebda mira.

X'taħbit kienet qiegħda tħabbat dik il-qalb tal-povru Ġorġ! u kemm żmien kien igħaddi jitkellem ma' martu, kollu ferħan fuq il-jum kbir li binhom isir tabib!

—Mur ara, Marì, kemm tkun tixraqlu t-toga!

—U kemm nies jiġu jifirħulna f'dak il-jum, raddet għalih Marì.

Iżda "il-bniedem jaħseb u Alla jmexxi" . . . il-ħolma u l-pjani tagħhom fis ġew għal waqt imġarrfa gwerra kbira faqqgħet, bħal berqa f'sema safi, li fiha pajjiżhom kellu sehem.

Franz wara kollox sar tabib imma flimkien ma' ħuh ġie dlonk imsejjaħ fl-armata. U fil-waqt li l-gwerra kienet qiegħda tħeġġeġ, belthom ġiet miknusa — Sandru u Franz fil-għalqa tat-taqbida, Ġorġ priġunier u martu mifruda minn kulħadd, taħseb bla tmiem b'reqqa ta' qalb, f'żewġha u f'uliedha.

Darba fix-xahar biss kienet tista' iżżur lil Ġorġ maqful.

It-tnejn kelma waħda, "uliedna x'sar minnhom?"

Minn filgħodu sa filgħaxija Marì bi dmugħ ta' niket ma kenitx ħlief tqalleb il-ġurnali bit-tama li ssib xi aħbar jew li l-gwerra waqfet jew inkella xi għajdut ta' sabar fuq uliedha.

Tfittix twil u bla fejda għal ħafna żmien, kif ukoll bla fejda kienu ż-żjariet tagħha ta' sikwit fl-uffiċċju ta' l-armata.

Iżda ġurnata waħda, fil-waqt li kienet qiegħda tqalleb il-ġurnal, lemħet miktub fl-ewwel paġna b'ittri kbar "ġieħ lil min ħaqqu" . . . Għajnejha ċċassaw, ħasset li f'dik il-kitba kien hemm xi ħaġa li tmissha u hekk kien l-artiklu faħħar bl-isbaħ kliem 'il-qalbieni Franz li f'taqbida mill-iżjed ħarxa, nesa l-periklu li kien fih u baqa' sa l-aħħar ikompli dmiru mal-miġruħin. Għall-kuraġġ tiegħu, Franz ġie mgħolli fil-grad u sidru ġie mżejjen bil-midalja ta' l-unur.

X'ferħ ħasset f'qalbha Marì f'dak il-waqt! Kemm dmugħ ta' ferħ (għall-ewwel darba minn mindu l-familja ġiet mifruda), iċċarċar ma' ħaddejha! Imma dlonk il-ferħ tagħha ddallam meta ftakret f'binha Sandru; min jaf x'sar minnu! u mif-nija b'dawn il-ħsebijiet, ħbiet wiċċha fil-ġurnal bit-tama li ssib il-konfort fil-biki.

Xhur għaddew imma qatt iżjed ma kellha aħbarijiet ta' wliedha.

"Li kieku, Alla ħares qatt, uliedi waqgħu f'xi taqbida, ngħid jien, kieku fis kienu jgħarrfuni, l-aħbar il-ħażina tiġri aktar mir-riħ." U b'dawn il-ħsibijiet ta' tama ġiebet qud-diem għajnejha l-ferħ meta l-familja tarġa' tingħaqad u mill-ġdid igħixu hienja lil l-koll flimkien.

Ma laħqetx temmet dawn il-kelmiet meta xi ħadd ċenpel il-qanpiena tal-bieb. Mill-bogħod lemħet xi ħadd bl-uniformi u b'ġirja waħda marret tiftaħ.

Quddiemha sabet uffiċjal għajnejh miksura lejn l-art. Qalbha taqtqet bejn il-ferħ u l-biża'.

--X'inhi l-miġja tiegħek, sinjur?—staqsietu Marì. Għidli, nitolbok, aħbar tajba jew ħażina?

L-uffiċjal naqsu l-kliem, xtaq kieku jtarrfilha l-għan taż-żjara tiegħu, iżda kull darba kliemu kien jinxef fuq xofftejh, fil-waqt li bi dmugħ f'għajnejh fehem x'kienet qiegħda tħoss f'qalbha dik l-imsejka omm.

Bl-akbar ħemda għaddielha ittra u qartas żgħir. Marì ħbiet wiċċha f'idejha u bdiet tolfoq bħal tarbija.

—Issa fhimt, qaltlu, is-skiet tiegħek.

L-uffiċjal imbagħad fetaħ qalbu magħha:—

—Għandi amar, qalilha, nagħtik din l-ittra li tħabbar t-telfa ta' Franz. Fil-qartas issib salib u xbieha tiegħek midmumin f'katina li huwa stess talabni nagħtik minn idu għal idek ftit qabel miet. Għidilha, talabni, li wkoll wara mewti nibqa' nħobbha u ngħożżha. Għidilha titlob għalija kif jien ukoll sejjer nagħmel għaliha u għal kulħadd hemm fuq. Fil-qartas issib ukoll arloġġ li niftakar tajjeb kull darba li kien jara l-ħin kien bi tbissima jagħti daqqa ta' għajn lir-ritratt ta' missieru mwaħħal man-naħa l-oħra ta' l-arloġġ.

Mgħarrqa f'baħar ta' dwejjaq, dik l-imsejkna omm kienet ta' kuljum tittajjar fiż-żminijiet imgħoddija, tibda minn mindu Franz kien għadu tarbija, tiftakar fil-għamil ħelu tiegħu u fi tjubitu u tibqa' sejra b'moħħha sakemm kiber. Xi mumenti kienet tinsa għal waqt li binha mar għal kollox, imma dlonk tasal fi kburitu u wiċċha jarġa' jitbiddel.

Jekk minn naħa nsibu omm b'qalb maqsuma bi dwejjaq l-iżjed suwed għat-telfa ta' binha, għan-nuqqas ta' aħbarijiet ta' Sandru u għall-firda minn żewġha, għandna wkoll inġibu quddiem għajnejna x'kien qiegħed iħoss Sandru.

Bil-mewt ta' ħuh huwa sama' wkoll. Firda kiefra mill-egħżeż ħaġa li qatt kellu, ħuh, li flimkien miegħu għax u kiber, li minn żgħoritu qatt ma kellu xi jgħid miegħu.

—Waħdi fid-dinja! kien sikwit igħid! Xi ħsieb li jkex-kex meta niftakar x'mewta qalila aktarx batew ommi u missieri, f'waqt il-mixja tal-għadu fuq pajjiżna.

Kieku għallanqas waslitlu waħda biss mill-ħafna ittri li ommu kienet tibgħatlu, it-tbergħin aħrax ta' ħsiebu kien

dlonk jiġġwejjed, imma għal raġuni mhix magħrufa l-ittri ta' ommu ma wasslulux.

Għaldaqshekk ma kellu ebda ħtija li wettaq u bala' dak kollu li kien qara fuq il-ġurnali dwar id-destin ta' nies pajjiżu. Il-ġurnali kollha aktarx iħobbu jkabbru l-aħbarijiet u qatt ma jobsru x'deni jġibu fost eluf ta' nies bl-aħbarijiet qarrieqa tagħhom li għandhom dejjem għan wieħed :— li jħaxxnu buthom b'aħbarijiet sensazzjonali.

Il-gwerra ġiet mitmuma. Ġorġ u Marì reġgħu ngħaqdu — . . . . Dar fiergħa!

Franz Alla ħadu u Sandru ma deherx iżjed. Tfittxija fil-kotba ta' l-armata sfat fix-xejn u għalkemm ismu ma kienx magħdud mal-mitlufin ħadd ma għaraf jagħti ebda ħjiel tiegħu. Ġorġ għamel minn kollox u kull ma sata', saħansitra ġera pajjiżi bi ħġarhom ifittex 'l ibnu. Kiteb ukoll avviżi f'ġurnali ta' kull ġens biex igħarraf lil Sandru, jekk ħaj, li ommu u missieru qegħdin jistennew il-miġja tiegħu, iżda bla fejda. Ġranet, xhur u snin għaddew; dejjem l-istess ħemda u skiet; l-ebda faraġ u l-ebda sabar. Ġorġ li minn dejjem kien ħabrieki, wisq iżjed meta kien qata' jiesu minn ibnu, ta ruħu għall-kitba.

Il-kotba tiegħu, minsuġin bl-akbar għerf, kattrulu iżjed u iżjed il-kobor ta' ismu. Ġorġ dejjem ħa bħala suġġett tal-kotba tiegħu, l-imħabba ta' missier lejn uliedu u l-għan ewlieni għal dan kollu ma kienx għajr biex jisfoga x'kien qiegħed jagħfaslu qalbu.

Huwa kien konvint li ibnu miet u hekk kien kulħadd jaħseb.

U fil-waqt li Ġorġ medhi bil-kitba u l-poplu mixgħul b'għerfu, bħal ma deher minn kunferenzi li sikwit kien jiġi mitlub jagħti, insibu 'l Sandru fl-Amerika.

X'kien qiegħed jagħmel f'dik l-art imbiegħda? Kien qatt jaħseb f'dawk li ġibuh fid-dinja? Tgħid għadu jiftakar f'dik l-omm għażiża li dejjem ħabbitu u xtaqitlu kull ġid, li għaddiet minn jaf kemm iljieli mqajma meta binha kien mixħut marid f'sodda? Nesa s-sakrifiċċji ta' missieru minn meta kien tarbija sa kemm kabbru, għallmu u għamlu raġel? It-twissijiet għaqlin? Nesa fuq kollox dmiru lejn Min ħolqu?

Għal xi żmien, tajjeb jew ħażin, Sandru kien iġaħġaħha u għalih il-ftit kien wisq; imma x-xogħol kompla jonqos u iżjed qiegħed milli jaħdem, ġie li bata l-ġuħ.

Il-ġuħ ma jġibx ħniena.... Jitlob il-karità?.....— Bniedem mimli bis-saħħa u tagħlim jitlob il-karità ma kinetx tinżillu; kien iħobb iżjed imidd idu għal kull xogħol, imma kollox kien iswed quddiemu.

Sandru ħa l-ewwel deċiżjoni:—Seraq għall-ħtieġ, seraq biex jitrejjaq għal jum. L-għada l-istess ħaġa u hekk kompla minn jum għall-ieħor sakemm għamilu minn serq għall-ħtieġ sar fih drawwa ħażina.

Il-logħob rikbu; saħħtu bi ljeli sħaħ li kien igħaddi f'imkejjen ta' frugħa u xalar naqsitlu. Xi mumenti kien jaħseb jittajjar fi ħdan ommu u missieru u għalkemm xi drabi l-kuxjenza kienet tagħfsu, iżda l-hemm ta' ħajtu u d-drawwiet boloh kienu jirbħuh.

"Xi jgħid missieri miqjum minn kulħadd jekk ġurnata jkun jaf min jien? Bniedem xellerat u ħabsi! "Eh kemm kont iblah ma mortx lura f'pajjiżi malli ġejt naf li ommi u missieri kienu għadhom ħajjin."

Veru li f'Sandru kienet għadha teżisti xi żerriegħa tajba, imma ħwejjeġ li ma jitwemmnux, biss meta kien ikun fissakra kienu jidhru fih xi kwalitajjiet tajba u ssibu jindem minn dnubietu, u malli jkun fis-sensi tiegħu jarġa' għal li kien; vagabondaġġ u ħażen.

Ġurnata waħda, fil-waqt li miġbur ma' sħabu fi "Club" ta' "gangsters", mgħaxxaq bit-tħarrif ta' għamil ħażin tagħhom u huma b'tiegħu, ħass, f'daqqa, tiġbdu xi qawwa aqwa mis-setgħa tal-bniedem.

Sandru tbiddel, wiċċu tbergħen u daħal fil-ħsieb. Qam minn postu u resaq lejn ir-radju; miegħu karkar siġġu u ntafa' bilqiegħda sieq kull naħa, minkbejh poġġuti fuq dahar is-siġġu u idejh midfunin f'xagħru. Imbagħad fetaħ ir-radju u beda jqalleb minn stazzjon għal oħra.

Daqq, kant, "sports".... Xejn ma għoġbu, imma dlonk donnu sab dak li xtaq: —Taħdita!

Sħabu skantaw meta raw 'il seħibhom għall-ewwel darba jinteressa ruħu fir-radju u kull wieħed minnhom fittex jinbxu jew iżerżaqlu xi ċajta u fuq kollox qalulu:—

—Għallanqas semmagħna ftit daqq u mhux priedki.

Imma Sandru baqa' hemm, quddiem ir-radju, sieket u iebes bħal statwa

"Il fakra hija mera safi li jġagħlek tagħraf u ssewwi -l ħtijiet."

Sandru deherlu li dak il-leħen ma kienx ġdid għalih; dawk it-twissijiet u kliem ħelu li kienu qegħdin jittajru mal-erba' naħiet tad-dinja, semagħhom ħafna drabi żmien ilu meta kien għadu tifel sa kemm id-destin kiefer firdu mill-egħżeż ħaġa li kellu, tletin sena qabel.

Il-kunferenzier issokta jitkellem b'leħen miksur imma bi kliem ta' mħabba, kliem magħżul u ħaj u Sandru iżjed u iżjed tgeddes mar-radju. L-għaraq xaqq għalih, ħass sidru jrid jixpakka, kull kelma tonqoxlu l-ġlata taż-żnied li kienet minn żmien trabbiet ma' dwar qalbu.

Kollha skantati, sħabu, ma setgħux jifhmu x'kien għaddej minn moħħ Sandru imma fehmu li xi għafsa kbira ta' qalb kienet qiegħda tkeddu ftit ftit. Huma wkoll, għalkemm nies bla ġieħ, ġiethom ħniena minnu.

Iċ-ċajt tagħhom siket u, ħosbenin, stennew mixrubin, x'kien ġej wara.

Sandru ma felaħx iżjed. Xeħet għajta ta' sogħba u biki ta' ndiema :—

—"Missier, aħfirli! . .

u għannaq b'idejh it-tnejn ir-radju kif kien jagħmel kieku dak il-ħin kien jinsab quddiemu missieru. . .

ANT. G FORMOSA.

# VOKALIZZAZZJONI TAL-VERBI MALTIN

*(Tagħrif Bibljografiku u Fonoloġiku)*

KONJUGAZZJONIJIET MALTIN.

L-ittri li għandhom qawwa jbiddlu l-vokali huma l-enfatiċi *ṭ* (ط) *ḍ* (ض) *ṣ* (ص) *d̤* (ظ) il-gutturali *ħ* (خ) *għ* (غ) *q* u *r*.

Fil-Malti l-vokalizzazzjoni tal-Mamma tal-verbi trilitteri tista' titqassam f'7 konjugazzjonijiet u dawn huma: *a-a*; *a-e*; *e-a*; *e-e*; *i-e*; *o-a*; *o-o*.

*Konjugazzjoni*: *a-a*. Taħt din jidħlu dawk il-verbi li għandhom it-tieni konsonanti gutturali *għ*, *ħ* jew *q* jew dentali enfatika *ḍ*, *d̤*, *ṭ*, *ṣ* : *bagħat*, *naħar*, *laqat*, *saħan*, *raḍam*, *faḍal*, *faṭar*, *faṭam*, *naṣab*, u ma' dawn xi oħrajn bħal *qasam*, *baram*, *talab*, li ma għandhomx dawn il-konsonanti enfatiċi jew gutturali tan-nofs.

Oħrajn li għandhom it-tielet konsonanti *r* bħal *nafar*, *ħatar*, *naġar*, iżda mhux *kiser*, *kiber*.

Ma' dawn ngħoddu dawk il-verbi li għandhom it-tielet konsonanti *għ* bħal: *baqagħ*, *samagħ*, *tafagħ* li mbagħad iktarx ibiddlu l-ewwel vokali f'*e*, bħal f'*refgħu*, *semgħu*, eċċ., meta l-ewwel jew it-tieni konsonanti ma tkunx gutturali, bħal f'*qalgħu*, *baqgħu*.

*Konjugazzjoni*: *a-e*. Jidħlu taħt din il-konjugazjoni il-verbi li għandhom iktarx l-ewwel konsonanti gutturali, bħal: *ħadem*, *ħafer*, *qatel*, *qafel*, *ħasel*.

Ma' dawn żid il-verbi trilitteri bl-aħħar konsonanti dgħajfa *j*, *w* jew *Elif*. Eż: *Reħa*, *mexa*, barra minn dawk li għandhom konsonanti gutturali jew *r* fil-bidu jew, fin-nofs. Eż: *Qara*, *dara*, *dagħa*, *ragħa*, *għola*, iżda mbagħad ngħidu: *ħeba*, *ħema*, *għewa*, *għema*.

*Konjugazzjoni*: *e-a*. Taħt din il-konjugazzjoni jidħlu, il-verbi li għandhom l-aħħar konsonanti gutturali *ħ*, *q*, jew *għ* (ħarxa) bħal: *feraħ*, *żelaq*, *telaq*, *żebagħ*.

*Konjugażżjoni*: *e-e*. Taħt din il-konjugazzjoni jidħlu l-

verbi li għandhom it-tieni konsonanti *h* u xi mindaqqiet *ħ*, bħal: *fehem*, *xehed*, *xeħet*, *deher*.

*Konjugazzjoni*: *i-e*. Taħt din il-konsonanti jidħlu l-verbi li ma għandhomx konsonanti gutturali, jew dentali fost il-konsonanti tal-għerq, bħal: *siket*, *nixef*, *tilef*.

*Konjugazjoni*: *o-a*. Taħt din il-konsonanti jidħlu l-verbi bl-aħħar konsonanti *j* dgħajfa u l-ewwel konsonanti *għ* jew *ħ*: *għola*, *ħola*, *għoxa*.

*Konjugazzjoni*: *o-o*. Taħt din il-konjugazzjoni jidħlu l-biċċa l-kbira ta' verbi li għandhom konsonanti gutturali jew *r*, bħal:*boloq*, *ħoloq*, *romol*. *ħolom*, *sogħol*, *rogħox*, *qorob*, *għoġob*, *għokos*, *għodos*, *qomos*, *roħos*, *ħorof*, *ħonoq*.

TIFSIR

Fil-verbi Maltin il-vokalizzazzjoni ma tista' tkun qatt bil-vokali: *u-u*; *o-u*; *o-i* u *u-a*.

Il-verbi bil-vokalizzazzjoni *o-a* huma ta' nisel Taljan. Ara: *Sponta*, *imbokka*, *iffronta*, *storda*, eċċ.

Minn dawn il-konjugazzjonijiet u mit-tiswir jew flessjoni ;al-verb naraw illi l-konsonanti tal-għerq jissieħbu ma' dawk il-vokali li jaqblu magħhom.

Il-vokali tal-Mamma jitbiddlu wkoll bis-saħħa ta' bidla fl-aċċent toniku u fil-qagħda tal-konsonanti, Dan it-tixbih jew taqbil bejn konsonanti u vokali huma mitlubin mill-ħtieġa ta' l-organi tal-ħaqq biex ilissnu l-kliem b'mod ċar bla ma jisfurzaw iżżejjed. Hekk naraw illi l-konsonanti gutturali jew laringali, bħal: *ħ*, *għ* u *q* jissieħbu mal-vokali *a* li nlissnuha minn qiegħ il-gerżuma b'ħalqna miftuħ, kif fil-kliem: *ħataf*, *għader*, *qagħad*, *laqqa'*, fil-waqt illi l-konsonanti labiali (tax-xoffa) bħal: *b*, *p*, *f*, *m*, *w* iħobbu jingħaqdu mal-vokali *u* li nnissluha b'ħalqna magħluq; id-dentali *d*,*t*,*s*,*ż*,*x* jaqblu mal-vokali *i*, fil-waqt li *h* insibuha iktarx ma' oħtha *e* u l-vokali *o* bejn xi gutturali u labjali jew dentali : *bogħod*, *xogħol*, *romol*, *ħomor*. Iżda mbagħad kull darba li jitbiddel il-ħoss u l-aċċent ta' vokali, il-vokali l-oħra tal-kelma għandhom jaqblu ma' dik li tbiddlet bil-ħoss jew l-aċċent. Minn hekk jiġi li meta verb jikser minn mod u temp għal ieħor, il-vokali tal-Mamma jitbiddlu, kif mitlub mill-konsonanti ta' l-istess organu tal-ħalq.

Dana narawh fil-vokalizzazzjoni ta' l-Imperativ u ta' l-Imperfett jew Aorist.

Hekk insibu :—

*a*) Il-verbi bit-tielet konsonanti *għ*, fl-Imperfett u fl-Imperativ jieħdu *a* meta l-ewwel konsonanti hi gutturali. Eż: *Qala*', a*qla*, *naqla*'; qata' a*qta*, *naqta*', eċċ,

*e* meta l-ewwel kons. hija *r*. Eż: *raġa*', e*rġa*', *nerġa*'.

*i* meta l-ewwel kons. hi dentali u oħra. Eż: N*aża*', i*nża*'; *sama*', i*sma*', *nisma*'.

*b*) Verbi oħra sħaħ li jibdew b'kons. labjali, dentali, eċċ. jieħdu *i*, bħal: i*fraħ*, i*dħol*, i*tlaq*, i*żloq*, i*xraq*, i*tboq* u xi mindaqqiet *o* bħal: o*nfor*, o*nfoħ*, o*nfoq*, o*ftoq*, o*bżoq*.

*ċ*) Il-verbi bit-tielet kons. *j*, *w* jew *Elif* jieħdu *a* jekk l-ewwel konsonanti hi gutturali bħal minn *ħeba*, nagħmlu: a*ħbi*, *naħbi*; *qara*, a*qra*, *naqra*; jieħdu *e* jekk l-ewwel konsonanti hija *r* (+*ħ*) bħal minn *reħa* nagħmlu e*rħi*, *nerħi*; jieħdu *a* meta l-ewwel konsonanti hija *r* (+*m*) bħal minn *rema*, nagħmlu: a*rmi*, *narmi*; jieħdu *i* meta l-ewwel kons. hija labjali jew dentali, eċċ. bħal minn *mexa*, *mela*, *nesa*, *dara* nagħmlu i*mxi*, i*mla*, i*nsa*, i*dra*; *nimxi*, *nimla*, *ninsa*, *nidra*, eċċ.

N.B.—L-aħħar vokali hija *a* f'*mela*, *qara*, *dara* billi dawn jispiċċaw bl-*Elif*, iżda *ragħa*, *deħa*, *nesa*.

*d*) Meta l-ewwel konsonanti hija *għ*, *ħ* jew *q*, l-ewwel u t-tieni vokali huma *a*. Hekk minn *għaqad*, *għafas*, *għasar*, *ħasad*, *ħarat*, *ħaraq*, *qabad*, *qasam*, joħorġu l-Imperativ u l-Imperfett: a*għqad*, *nagħqad*; a*għfas*, *jagħfas*; a*għsar*. *jagħsar*; a*ħsad*, *jaħsad*; a*ħraq*, *jaħraq*; a*qbad*, *jaqbad*; a*qsam*, *jaqsam*; xi minn daqqiet l-ewwel u t-tieni jkunu *o*. Eż: *Ħalaq*, o*ħloq*, *joħloq*; *ħanaq*, o*ħnoq*, *joħnoq*; *qaras*, o*qros*, *joqros*; *qagħad*, o*qgħod*, *joqgħod*.

## REGULI GENERALI.

*a*) Jekk l-ewwel konsonanti hija gutturali, il-vokali hi *a*. Jekk *r*, hija *a* jew *e*. Eż: *Għasar*, a*għasar*, *nagħsar*; *ħasel*, a*ħsel*, *naħsel*. *Rema*, a*rmi*, *narmi*; *reħa*, e*rħi*, *jerħi*. Jekk tkun konsonanti oħra, il-vokali hija *i*, jew *o* meta tkun *n*. Eż: *Ġera*, i*ġri*; *telaq*, i*tlaq*; *nasab*, o*nsob*; *naġar*, o*nġor*, iżda mbagħad *nidem*, i*ndem*.

*b*) Meta l-aħħar konsonanti hija *q* jew *ħ* il-vokali tat-tieni sillaba hija *a*, u xi minn daqqiet *o*. Eż: *Daħak*, i*dħak*; *saħaq*, i*sħaq*; *feraħ*, i*fraħ*; *sebaħ*, i*sbaħ* fejn biex ilissen l-aħħar ittra l-leħen tal-vokali jiftaħ.

ċ) Il-verbi li jżommu l-vokali tal-Mamma fit-tiswir tal-Mod u tat-Tempijiet huma dawk li għandhom il vokalizzazzjonijiet : *i-e*, *o-o*, *a-e*.

Il-Verbi Monosillabi, jiġifieri ta' sillaba waħda, huma l-iktar regulari fil-vokalizzazzjoni tagħhom:—

i. Il-vokali tal-verbi Torox fil-Mamma huma *a* jew *e*. Eż: *Kadd*, *medd*. Meta hija *a*, fl-Imperfett tagħmel *o*. Eż: *Ħatt iħott*: *għadd*, *jgħodd*. Meta hija *e*, fl-Imperfett hija *i*. Eż: *Xedd*, *ixidd*; *kedd ikidd*.

ii. Il-vokali tal-verbi Moħfijin fil-Mamma hija dejjem *a*, jew *ie*. It-tieni konsonanti dgħajfa tinxorob f'dawn il-vokali. Il-vokali tagħhom fl-Imperativ u fl-Imperfett hija *i*, jekk it-tieni konsonanti hija *j*; hija *u* jekk it-tieni konsonanti hija *w*. *Qam* jagħmel *qum*, mbagħad *qawma*, fil-waqt li flok *qawwem* jagħmel l-Imnissel *qajjem*.

## TIBDIL FIL-VOKALIZZAZZJONI TAL-VERBI TRILITTERI META JGĦADDU GĦAS-SURA MNISSLA.

Il-verbi trilitteri meta jgħaddu għall-Ewwel jew għat-Tieni Sura Mnissla iktarx li ma' l-aċċent jbiddlu il-leħen tal-vokali fl-ewwel sillaba fil-waqt li l-vokali tat-tieni tixxiebah ma' l-ewwel (*armonija tal-vokali*). Eż : *Kiber*, *kabbar*; *tilef*, *tellef*; *kibes*, *kebbes; għodos*, *għaddas; fired*, *farrad*; fejn il-vokali *i* taħrab l-aċċent maħtuf sħiħ fuqha meta ma tkunx fl-aħħar sillaba u dlonk titbiddel f'*a* jew *e*, u fejn *o* imħabba f'hekk titbiddel ukoll f'*a*.

i. Il-verbi li ma jbiddlux il-vokali huma dawk li għandhom il-vokalizzazzjoni *e-a* u *a-a*. Eż : *Kesaħ*, *kessaħ*; *feraq*, *ferraq*; *feraħ*, *ferraħ*; *qasam*, *qassam*; *ħarab*, *ħarrab*; *sama'*, *samma'*.

ii. Verbi bil-vokalizzazzjoni *e-e* jagħmlu *a-a* jew *ie-e*. *Weħħel*, *waħħal*; *bagħad*, *biegħed*; *ragħax* (*rogħox*), *riegħex*; *nagħas*, *niegħes*.

iii. Xi verbi bil-vokali *i-e* jagħmlu *a-a* jew *e-e*. Eż : *Siker*, *sakkar*; *kiber*, *kabbar*: *kibes*, *kebbes*; *tilef*, *tellef*; *simen*, *semmen; xiref*, *xerref*; *dilek*, *dellek*; *firex*, *ferrex*.

iv. Il-verbi *o-o* jagħmlu *a-a*; *a-e*. Eż : *Għodos*, *għaddas*; *roħos*, *raħħas; ħoloq*, *ħallaq*; *ħolom*, *ħallem; għoqos*, *għaqqes*: *għotob*, *għatteb*; *qorob*, *qarreb*; *ħobol*, *ħabbel*.

(*Jissokta*)

A. C.

# ETIMOLOĠIJA

## AMBA, JAMBI.

Sew Vassalli, u warajh Falzon, kemm oħrajn, qalu li l-verb *amba*, *jambi*, mhux ħaġ'oħra ħlief il-forma mqassra tal-kelmiet *għamel bi*. Fit-Tieni Ktieb tal-Grammatika tiegħi faċċ. 100 f'Nota tal-par. 24 taħt ir-Ras: "Kliem b'Tifsir ta' Verbi" fissirt dak li fuq hekk qal Vassalli. Iżda jien naħseb li dan il-verb mhux ħlief il-verb Għarbi klassiku *'aba* (verb dgħajjef bil-*hemża*. Ara d-Diz: Hava u Belot *abb,' abba* li jfissru *xtaq*, *ried*. Fil-Malti dan il-verb ħa t-tifsira ta' *ħtieġ*, *għandu bżonn* bi twessigħ fit-tifsir tal-verb, fejn daħlet l-ittra *m*(*epentismo*) mitluba mil-labjali *b* jew *m* ħok l-ewwel *b*. Fil-Għarbi Tripolin il-verb *ba*, *jaba* jew *jibbi* jiġi li jidħol bħala awżiljarju biex bih isir il-futur. Eż: *Nibbi nimxi*, irrid immur. Iżda imbagħad : *Ax tibbi?* —li jfisser : *xi trid ? x'tiħtieġ ? x'għandek bżonn ?*

C. L. Dessoulavy (*Maltese-Arabic Word List, 1938*) u D. Giuseppe Barbera (*Dizionario Maltese-Arabo-Italiano, 1939*) jidhru li mxew fuq il-fehma ta' Vassalli jew Falzon għax it-tnejn igħidu li dan il-verb huwa l-forma imqassra ta' *għamel bi* li fil-konjugazzjoni jinhemeż mas-suffissi pronominali, bħal verbi l-oħra transitivi.

A. C.

* * *

## GĦALIEX GŻIRA U MHUX ĠIŻIRA ?

L-Ilsien malti, għalkemm jixbah ħafna lill-għarbi kif jitkellmuh fl-Eġittu, ma jaqbilx miegħu fil-pronunzja tal-*ġ*; għalhekk aħna bil-malti ngħidu *ġ*ewwa, *ġ*ej, *ġ*emel, ji*ġ*ri, *ġ*isem, fil-ħin li fl-Eġittu dal-kelmiet u oħrajn bħalhom jippronunzjawhom bil-*g* (bħal fil-kelma gandott). Fejn naqblu mal-għarbi mkellem fl-Eġittu huwa fil-kelma *Gżira* li hawn tissejjaħ *Geżira*. Jista' mela xi ħadd ifissirli l-għaliex il-*g* ta' dil-kelma hija ippronunzjata fil-malti bħal ma hija fil-għarbi eġizzjan (vuldiri *g* mingħajr tikka) fil-ħin li kliem ieħor bil-*g* fl-għarbi, fil-malti jinbidel f'*ġ* ?

Kajr, 30-1-39.

ALF. NICHOLAS.

# "Il-Qawwa ta' l-Imħabba"

*Il-Qawwa ta' l-Imħabba* tat-Tabib Ġ. Bonnici għalaq l-ewwel sena (jew aħjar l-ewwel erba' kotba) tal-*Ġabra ta' Kitba Maltija* maħruġa mit-Tabib Ġużè Bonnici. Tkellimna ħafna fuq il-ħtieġa kbira tagħha din il ġabra ta' kitba u faħħarnieha kemm-il darba. Issa, wara l-egħluq ta' l-ewwel sena, inħossu ruħna li kellna raġun. L-ewwel erba' kotba, ta' erba' minn fost l-aħjar kittieba ħajjin tal-Isien Malti, b'erba' romanzi ta' stil, epoka, suġġet u gost differenti, rifdu kemm setgħu jirfdu l-letteratura tagħna.

Dan l-aħħar wieħed, *Il-Qawwa ta' l-Imħabba* tat-Tabib Bonnici stess, xejn ma jagħmel għajb lit-tlieta ta' qablu. L-awtur tana f'idejna rumanz ta' bixra għal kollox ġdida ħilli soltu naqraw. Jekk *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, kif għedna drabi oħra tbiegħed mix-xorta ta' romanzi mhux biss għal dak li hu stil iżda għal dik li hi epoka tar-romanz, dan ta' Bonnici raġa' tbiegħed pass ieħor, għaliex fil-ħin li l-awtur għażel żmien eqreb lejna, indaħal biex isawwar il-ġrajja tiegħu f'ambjent ta' xjenza li hu ġdid u profan għal bosta minnha.

Fraħna naraw il-programm għat-tieni sena: erba' romanzi, li minn isimhom u isem l-awturi tagħhom ituna x'naħsbu tajjeb fuqhom; fraħna wkoll għax sirna nafu li, barra minn din il-Ġabra, it-Tabib Bonnici bi ħsiebu joħroġ ġabriet oħra ta' Poeżija, ta' Tagħlim u ta' Xogħlijiet Tijatrali.

Nifirħulu, inħeġġuh iżjed u ngħidulu: "dejjem il-quddiem".

---

Kellna, kontra qalbna, nħallu għal darb'oħra xi artikoli interessanti fosthom "Dizzjunarju u kliem ġdid" ta' Ant. G. Said.